# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tnejnu għoxrin (22) ta' Frar 2024**

**Rikors Numru 1062/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Dr. Arthur Azzopardi (K.I. Nru. 77479M) bħala mandatarju speċjali tal-assenti Victoria Dimech De Bono (K.I. Nru. 71268M)**

**vs**

**James Dimech De Bono (K.I. nru 192067M) li għalih ġew maħtura, bħala Kuraturi Deputati, Dr Christopher Chircop u l-PL Quentin Tanti, in vista tal-assenza tiegħu minn Malta, u dan permezz ta' digriet datat 12 ta' April 2023.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 8 ta' Novembru 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent nomine talab is-segwenti:

    1. *Permezz ta' prokura datata 30 ta' Diċembru, 2019 (hawn annessa u mmarkata bħala DOK A), mogħtija lill-esponenti minn Victoria Dimech De Bono, l-esponenti qiegħed iressaq ir-rikors odjern.*

    2. *Il-kontendenti żżewġu ġewwa Malta nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija disgħa u tmenin (1989);*

    3. *L-esponenti talbet lil Qorti ġewwa l-Ingilterra sabiex tiddikjara li ż-żwieġ tagħhom bħala maħlul bejn il-kontendenti;*

    4. *Bis-saħħa ta' sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2012 mill-High Court of Justice Principal Registry of the Family Division, ġewwa r-Renju*

*Unit fil-kawża bin-numru FD11D02767, l-Onorabbli Qorti ddikjarat iż-żwieġ bejn ir-rikorrenti u l-intimat bħala xolt u ġie ppronunzjat id-divorzju tal-partijiet (kopja tas-sentenza annessa u mmarkata DOK B);*

5. *L-esponent qiegħda tadixxi dina l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza r-reġistrazzjoni tas-Sentenza tal-Qorti estera fl-ismijiet surriferiti;*

6. *Illi l-imsemmija deċiżjoni mill-High Court of Justice Principal Registry of the Family Division tal-Ingilterra, ta' nhar il-11 ta' Jannar 2012, ngħatat minn Qorti kompetenti u għaddiet in ġudikat u għandha tiġi rikonoxxuta u reża eżegwibbli hawn Malta, u dan ai termini tal-Artikoli 826 et. seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. *Illi l-esponenti taf b' dawn il-fatti personalment;*

8. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *A tenur tal-artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2012 mill-High Court of Justice Principal Registry of the Family Division, ġewwa r-Renju Unit fil-kawża bin-numru FD11D02767;*

2. *A tenur tal-artikolu 828 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna r-reġistrazzjoni tas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2012 mill-High Court of Justice Principal Registry of the Family Division, ġewwa r-Renju Unit fil-kawża bin-numru FDII D02767;*

3. *Tagħti dawk id-direttivi li jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-24 ta’ Jannar 2023, tentattiv ta’ notifika lill-James Dimech De Bono irriżultat fin-negattiv fejn ġie rilevat illi l-istess James Dimech De Bono huwa imsiefer.

3. Rat illi fis-16 ta’ Marzu 2023, ir-rikorrenti talbet għall-ħatra ta’ Kuraturi Deputati, liema talba ġiet milqugħa seduta stante.

4. Rat illi fit-12 ta’ April 2023, ġew maħtura Dr Christopher Chircop u l-PL Quentin Tanti bħala Kuraturi Deputati għall-assenti James Dimech De Bono.

5. Rat illi fl-1 ta’ Diċembru 2023, il-Kuraturi Deputati ġew debitament notifikati.

6. Rat illi fil-11 ta’ Dicembru 2023, il-Kuraturi Deputati ressqu d-difiżi tagħhom fejn laqgħu għal dak mitlub billi qalu s-segwenti:

    1. *Illi hija r-rikorrenti li għandha l-piż tal-prova u ċjoe illi permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinċi lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qiegħda tagħmel huma fondati.*

> 2. *Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'għandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-każ u għaldaqstant qegħdin jirriservaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru a konoxxenza ta' fatti relatati ma' dan il-każ.*
>
> *Salv eċċezzjonjiet ulterjuri.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija minn issa nġunta in subizzjoni.*

7. Rat illi fit-12 ta' Diċembru 2023 il-kawża ġiet differita għall-provi rikorrenti.

8. Rat illi fl-14 ta' Frar 2024, ġie ppreżentat l-affidavit ta' Victoria Dimech Debono flimkien ma' dokumentazzjoni.

9. Rat illi r-rikorrenti, preżenti wkoll Victoria Dimech Debono personalment, iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

10. Rat illi l-Kuraturi Deputati, imsejjħin diversi drabi, naqsu milli jidhru, u għalhekk il-Qorti qieset illi ma kellhomx provi x'jippreżentaw u għalhekk iddikjarat il-provi bħala magħluqa.

11. Rat illi fl-14 ta' Frar 2024, fuq talba tar-rikorrenti, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

12. Il-Qorti rat is-sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2012 mill-High Courts of Justice Principal Registry of the Family Division, ġewwa r-Renju Unit fil-kawża bin-numru FD11D02767, u li vera kopja tagħha ġiet eżebita fl-atti tal-proċeduri odjerni flimkien mar-rikors promotur.

13. Rat l-Artikolu 826 u 828 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

14. Rat illi ma teżisti ebda raġuni 'l għaliex it-talba kif redatta ma għandhiex tiġi kkonsidrata favorevolment.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u x-xhieda prodotti quddiemha;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tordna**, a tenur tal-artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2012 mill-High Court of Justice Principal Registry of the Family Division, ġewwa r-Renju Unit fil-kawża bin-numru FD11D02767;

**Tordna**, a tenur tal-artikolu 828 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reġistrazzjoni tas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar 2012 mill-High Court of Justice Principal Registry of the Family Division, ġewwa r-Renju Unit fil-kawża bin-numru FDII D02767;

**Tordna** illi tali deċiżjoni tiġi notifikata lill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, a spejjeż tar-rikorrenti.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jibqgħu a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**